MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1299/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Hersey]**

**vs**

**Kasem Al-Katib Malek**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kasem Al-Katib Malek ta’ 24 sena, iben Kasem u Zinen imwieled Hommes Syria, fl-1 ta’ Jannar 1986, resident Marsalforn, Ghawdex.

Akkuzat talli fix-xhur li ghaddew:
Bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta, ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-Artiklu 32(1)(C) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe` Passaport Bulgaru bin-numru: 328025421, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali;

Rat l-ammissjoni tal-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni mill-istess imputat wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi;

U wara li rat l-Artikolu 32(1)(C) tal-Kap. 217 u l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Kasem Al-Katib Malek hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------